# Il-Ħadd 08.12.2019

1. Illum 8/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent** - **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja, għandna għall-bejgħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja.

2. Is-Sibt 14/12:
   - Fit-8:00pm – Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fl-10:00pm. Ser issir fil-kappella tas-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat.

3. Il-Ħadd 15/12: **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   Fid-9:00am – **Tibda n-Novena** bl-animazzjoni tkun mill-MUSEUM tal-Bniet u s-Subien.
   Fl-10:30am – Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   Fis-5:00pm – Rużarju;
   Fis-5:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena mill-Kappillan u l-Barka Sagramentali;
   Fis-5:30pm – Quddiesa bit-talb tas-Salmi tal-Liturġija tas-Siegħat.
   Tul il-jiem tan-Novena ser ikollna qfif fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna.

4. Il-Ħamis 19/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja ddedikata lil Sant' Anna, iż-Żebbiegħ, limiti tal-Imġarr, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Qawra. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

5. Avviżi oħra:
   - B'sinjal ta' solidarjetà ma' ħutna tal-Albanija, vittmi ta' tant tbatija kkawżata mit-terremot li għamel dan l-aħħar, *Caritas Malta* waqqfet fond u qed tagħmlilna sejħa biex nitolbu għalihom u ngħinuhom, anke b'offerta finanzjarja. Kulmin jixtieq jagħmel għotja jista' jagħmel dan billi jgħaddiha lili jew jibgħat Cheque indirizzat ***Caritas Malta Emergency Fund, 5, Triq l-Iljun, Floriana, FRN 1514***.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 325 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 130 bħala donazzjonijiet bl-istenn għan.
   Grazzi mill-qalb.